# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 95/2022 BS**

**Raymond Buttigieg u Salvina Buttigieg**

**-vs-**

**Mark Galea**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi Raymond u Salvina konjuġi Buttigieg illi ppremettew:**

1. ILLI l-konvenut jinsab debitur tal-atturi fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf euro (EUR 55,000) ra[p]preżentanti l-import ta' kambjala sakduta u dovuta u li kopja tagħha qed tiġi annessa bħala Dokument 'A';

2. ILLI nonostante li l-konvenut ġie interpellat diversi drabi biex iħallas dan l-ammont minnu dovut inkluż permezz ta' ittra uffiċċjali [sic] ta' Lulju 2022, l-istess konvenut baqa' inadempjenti u mingħajr l-ebda raġuni valida fil-Liġi;

3. ILLI d-debitu tal-konvenut versu l-atturi huwa ċert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-atturi il-konvenut ma għandu l-ebda eċċezzjonijiet validi x'jagħti għat-talba tal-atturi għall-ħlas tas-somma dovuta flimkien mal-imgħaxijiet fuq l-istess somma;

4. ILLI jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-Liġi [sic] a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċibili [sic] (Kap XII) sabiex din l-Onorabbli Qorti taqta' u tiddeċiedi t-talba attriċi bil-proċedura speċjali sommarja.

**Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:**

1. Tisma' u tiddeċiedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegħ [sic] a tenur tal-Artikol8 [sic] 167 et seq tal-Kap XII tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf euro (EUR 55,000) rappreżentant import ta' kambjala li qed tiġi annessa bħala Dokument 'A';

3. Tiddikjara li għandu jitħallas l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) mill-ewwel (1) ta' Frar elfejn u tmintax (2018) sad-data tal-effettiv pagament;

4. Tikkundanna lill-konvenut biex iħalla[s] lill-atturi l-imsemmija somma ta' ħamsa u ħamsin elf euro (EUR 55,000) flimkien mal-imgħaxijiet ta' tmienja fil-mija (8%) fuq l-istess somma b' effett mill-ewwel (1) ta' Frar tas-sena elfejn u tmintax (2018) sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċċjali [sic] ta' Lulju 2022, tal-ittri interpellatorji u bl-inġunzjoni tal-konvenuti li minn issa huma [i]nġunti għas-subizzjoni.

**Il-Qorti;**

**Rat** ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-18 ta' Awwissu, 2022;

**Rat** kopja tal-kambjala annessa mar-rikors ġuramentat;[1]

**Rat** l-affidavit tal-attur;[2]

**Rat** il-verbal tal-4 ta Novembru, 2022;

**Rat** li fl-istess seduta l-partijiet qablu li l-kawża tiġi differita għas-sentenza għal-lum;

**Ikkunsidrat:**

**i. Preliminari**

Permezz ta' din il-kawża l-atturi jgħidu li l-konvenut huwa debitur tagħhom fis-somma ta' ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) u dan kif jirriżulta mill-kambjala annessa mal-istess rikors ġuramentat. Jgħidu wkoll li minkejja li interpellaw lill-konvenut sabiex jersaq għall-ħlas huwa baqa' inadempjanti u għalhekk kellhom jirrikorru għall-kawża tal-lum fejn qed jitolbu

[1] A fol. 5 tal-proċess.
[2] A fol. 6 tal-proċess.

lill-Qorti tiddikjara bid-dispensa tas-smigħ li l-konvenut huwa debitur tagħhom fis-somma ġa indikata, tordnalu jħallas l-imgħax bit-tmienja fil-mija (8%) mill-1 ta Frar, 2018 sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenut minkejja li ġie notifikat bir-rikors ġuramentat u l-avviż għas-smigħ fis-6 ta' Ottubru, 2022 ma ppreżenta l-ebda risposta.

Jirriżulta wkoll li fis-seduta tal-4 ta' Novembru, 2022 il-partijiet qablu li waslu għal ftehim segwenti:

a) L-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) indikat fil-kambjala huwa dovut mill-konvenut;

b) L-interessi jkunu bl-erbgħa fil-mija (4%) minflok bit-tmienja fil-mija (8%) u dan b'effett mill-1 ta Frar, 2018 sa sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza tal-lum;

ċ) Wara li jiskadi t-terminu ta' sitt (6) xhur mis-sentenza u l-ammont dovut jew il-bilanċ rimanenti mill-ammont dovuti għadu ma tħallasx, jibda jiddekorri l-ogħla mghax mil-liġi;

d) L-ispejjeż tal-kawża jkunu a karigu tal-konvenut.

In vista ta' dan il-ftehim milħuqa din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tilqa' t-talbiet attriċi fil-parametri li jirriflettu l-istess ftehim.

**Decide:**

Għaldaqstant in vista tal-premess il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u:

i) tiddikjara li l-ammont ta' ħamsa u ħamsin elf ewro (€55,000) huwa dovut mill-konvenut lill-atturi;

ii) tiddikjara li l-imgħax dovut fuq is-somma msemmija għandu jkun ta' erbgħa fil-mija (4%) b'effett mill-1 ta Frar, 2018 sa sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza. Wara l-iskadenza ta' sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza l-imgħax għandu jkun ta' tmienja fil-mija (8%) fuq is-somma dovuta jew il-bilanċ rimanenti minnha.

iii) Tordna lill-konvenut iħallas lill-atturi s-somma ta' ħamsa u ħamsin elf (€55,000) fi żmien sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sentenza, bl-imgħax ta' erbgħa fil-mija (4%) b'effett mill-1 ta' Frar, 2018 b'dan illi jekk il-ħlas ma jsirx entro t-terminu ordnat jibda jiddekorri l-imgħax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) kif ġa deċiż.

L-ispejjeż ta' din il-kawża huma a karigu tal-konvenut.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur